MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2182/2004

**EDWARD J.ZAMMIT u L-PERIT MANNIE GALEA bhala amministraturi ta'l-eredita' ta'l-ahwa Helen u Maria Carmela Grech**

**vs**

**ANTONIA MICALLEF**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannat thallas lill-atturi nomine s-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm73.50) rappresentanti arretrati ta' cens annwu u perpetwu ghall-fond "Madrid", Dr. Chetcuti Street, Birkirkara.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-atturi nomine sabiex l-konvenuta nomine twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment l-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-18 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi nomine s-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm73.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------